# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

**A6-0206/2009**

2.4.2009

*****

# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi
(COM(2008)0324 – C6-0282/2008 – 2008/0112(CNS))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Cornelis Visser

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ..................................................................................................21

PROĊEDURA ............................................................................................................24

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi**
**(COM(2008)0324 – C6-0282/2008 – 2008/0112(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0324),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0282/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0206/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Peress li kemm ir-regoli omoġenji li ġeneralment huma applikabbli fiż-żoni kollha kif ukoll dawk applikabbli speċifikament fuq bażi reġjonali għandhom l-istess importanza għall-immaniġġjar tas-sajd, dawn għandhom jiġu adottati mill-Kunsill.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-maġġoranza tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs), tal-amministrazzjonijiet u s-setturi tas-sajd jaċċettaw ir-reġjonalizzazzjoni li hemm fil-proposta, iżda hemm qbil prattikament unanimu li r-regolamenti reġjonali għandhom jiġu adottati wkoll mill-Kunsill u dan ikun ifisser li jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-RACs.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Bħala kjarifika addizzjonali, sabiex fil-ġejjieni jiġi evitat tilwim minħabba l-interpretazzjoni ħażina tar-regoli u f'konformità mal-approċċ li ġie introdott reċentement, il-Kummissjoni għandha tissuplementa d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament billi tippubblika anness li jkun fih illustrazzjonijiet sabiex jiġu spjegati l-karatteristiċi tat-tagħmir tas-sajd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-artikoli relatati mal-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' tagħmir tas-sajd huma tekniċi ħafna. Sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' interpretazzjoni ħażina, l-industrija talbet li r-regolament jiġi supplementat b'illustrazzjonijiet f'konformità mal-approċċ introdott mill-Kummissjoni fir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 dwar inter alia miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku. Ma hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tiġi pprovduta kjarifika simili għall-Atlantiku.*

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Huwa neċessarju li jiġu evitati sitwazzjonijiet li jikkawżaw tgħawwiġ tal-kompetizzjoni jew konfużjoni fost l-operaturi u l-konsumaturi u li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' konformità mad-daqsijiet minimi u għalhekk ir-regoli għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti*** |

***li joriġinaw mill-importazzjonijiet. Għal dan il-għan, il-Kimmissjoni għandha tippreżenta, kemm jista' jkun malajr, proposta biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/20001, sabiex id-daqsijiet bijoloġiċi jiġu armonizzati mad-daqsijiet kummerċjali.***

***[1]Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22).***

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa kkalkulat li kważi 70% tal-prodotti tas-sajd ikkunsmati fl-UE joriġinaw mill-importazzjonijiet. Is-settur tas-sajd talab unanimement li dawn il-prodotti jkunu suġġetti għall-istess regoli bħall-prodotti domestiċi u insista b'mod partikulari dwar l-armonizzazzjoni bejn id-daqsijiet minimi rregolati permezz tal-leġiżlazzjoni dwar miżuri tekniċi u dawk li hemm fir-Regolament (KE) Nru 104/2000.*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (15) ***Meta jaqbeż il-qabdiet inċidentali massimi, bastiment għandu jmur immedjatament f'żona oħra.*** | (15) ***Sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata għar-riżorsi tal-baħar, biex jiġu protetti ż-żoni fejn jitrabba l-ħut jew iż-żoni sensittivi u jitnaqqas ir-rimi lura, għandhom jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-attività tas-sajd f'ċerti żoni u perjodi u fir-rigward ta' ċerti tagħmir u aċċessorji.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Anke jekk l-introduzzjoni ta' żoni magħluqa f'ħin reali hija miżura li taf tkun utli f'żoni jew meded tas-sajd ferm speċifiċi, l-użu ġenerali ta' din il-miżura joħloq ħafna iktar problemi milli jsolvi. Għas-sajd li jinvolvi ħafna speċijiet ta' ħut, għall-bastimenti ż-żgħar jew il-flotot li jkunu qed jistadu barra mill-port tagħhom, il-miżura taf tkun kemm devastanti kif ukoll imprattikabbli. Iż-żoni u l-perjodi ħielsa mis-sajd jafu jkunu soluzzjoni iktar xierqa fejn għandhom jiġu imposti miżuri ġenerali għoljin.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Fejn il-konservazzjoni tkun mhedda b'mod serju, il-Kummissjoni ***u l-Istati*** Membri ***għandhom ikunu awtorizzati*** sabiex ***jieħdu*** miżuri proviżorji xierqa, li jiġu implimentati fil-ħin reali. | (17) Fejn il-konservazzjoni tkun mhedda b'mod serju, il-Kummissjoni***, fuq inizjattiva tagħha proprja jew fuq it-talba ssostanzjata tal-Istati*** Membri, ***għandha tkun awtorizzata*** sabiex ***tieħu*** miżuri proviżorji xierqa, li jiġu implimentati fil-ħin reali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-miżuri diġà huma stipulati bir-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Għandha tingħata attenzjoni partikulari biex jiġi evitat il-ħolqien ta' inċertezza legali minħabba l-possibilità ta' użu diskrezzjonali tar-regoli.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament***, fosthom dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull żona koperta minn Kunsill Konsultattiv Reġjonali,*** għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni. | (19) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-maġġoranza tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs), tal-amministrazzjonijiet u s-setturi tas-sajd jaċċettaw ir-reġjonalizzazzjoni li hemm fil-proposta, iżda hemm qbil prattikament unanimu li r-regolamenti reġjonali għandhom jiġu adottati wkoll mill-Kunsill u dan ikun ifisser li jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-RACs.*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Regolamenti reġjonali*** |
| | ***Il-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu, bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 37 tat-Trattat, jadotta l-miżuri applikabbli speċifikament fir-reġjuni varji li jikkorrispondu għall-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs) varji.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-maġġoranza tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs), tal-amministrazzjonijiet u s-setturi tas-sajd jaċċettaw ir-reġjonalizzazzjoni li hemm fil-proposta, iżda hemm qbil prattikament unanimu li r-regolamenti reġjonali għandhom jiġu adottati wkoll mill-Kunsill u dan ikun ifisser li jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-RACs.*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) 'irkaptu tat-tkarkir bit-travu' tfisser irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ li fih il-fetħa orizzontali tax-xibka tinżamm bi travu; | (b) 'irkaptu tat-tkarkir bit-travu' tfisser irkaptu tat-tkarkir tal-qiegħ li fih il-fetħa orizzontali tax-xibka tinżamm bi travu***, u fejn it-travu huwa kanna tonda tal-azzar miżmuma permezz ta' żewġ slajds***; ***il-kostruzzjoni tiġi rmunkata tul qiegħ il-baħar;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' rkaptu tat-tkarkir bit-travu għandha tkun ċara għal kulħadd.*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) 'manka' tfisser l-aħħar ***8 m*** ta' l-irkaptu rmunkat imkejla mil-lett meta d-daqs tal-malji jkun ta' 80 mm jew aktar, u tfisser l-aħħar 20 m ta' l-irkaptu rmunkat imkejla mil-lett meta d-daqs tal-malji jkun ta' inqas minn 80 mm; | (e) 'manka' tfisser l-aħħar ***6 m*** ta' l-irkaptu rmunkat imkejla mil-lett meta d-daqs tal-malji jkun ta' 80 mm jew aktar, u tfisser l-aħħar 20 m ta' l-irkaptu rmunkat imkejla mil-lett meta d-daqs tal-malji jkun ta' inqas minn 80 mm; |

*Ġustifikazzjoni*

*Xi drabi, il-manka tkun ħafna iqsar minn 8 metri.*

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Fil-każ ta' pelaġiċi żgħar (sardin, inċova, sawrell u kavalli) għandha tinżamm il-possibilità li 10% tal-qabda jkunu magħmula minn ħut żgħir wisq.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sajd immirat lejn dawn l-ispeċijiet ġeneralment jinvolvi l-qabda ta' kwantità kbira ta' ħut u huwa normali li jkun hemm taħlita ta' ħut li jkun kiber u ħut li jkun għadu żgħir wisq. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-ħut individwali ma jiġix separat f'dan it-tip ta' sajd u għalhekk għandha tinżamm il-possibilità pprovduta permezz tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament 850/1998.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Regola ta' xibka waħda*** | ***Kombinazzjonijiet ta' xbieki*** |
| ***Għandu jkun ipprojbit li jinżammu abbord, matul kwalunkwe vjaġġ tas-sajd,*** | ***1. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jirregola l-każijiet*** |

| | |
|---|---|
| ***kwalunkwe*** kombinazzjoni ta’ xbieki ta’ aktar minn serje waħda ta’ daqsijiet tal-malji. | ***fejn il-bastimenti jistgħu jġorru abbord*** kombinazzjoni ***waħda jew iktar*** ta’ xbieki ta’ aktar minn serje waħda ta’ daqsijiet tal-malji ***waqt l-istess vjaġġ tas-sajd***.<br>***2. Dawn il-kriterji għandhom iqisu:***<br>***(a) id-distanza bejn il-port fejn isorġi l-bastiment u ż-żona tas-sajd;***<br>***(b) il-livell ta’ kemm is-sajda li qed tiġi pprattikata tinvolvi ħafna speċijiet ta' ħut u l-importanza ekonomika tal-ispeċijiet sekondarji meta mqabbla mal-ispeċijiet fil-mira;***<br>***(c) jekk kwalunkwe mill-operazzjonijiet tas-sajd waqt vjaġġ partikulari titwettaqx permezz ta’ xibka b’malji li jkunu ta’ daqs ikbar minn dawk previsti f’dan ir-Regolament.***<br>***3. Il-kontenut ta’ dan l-Artikolu għandu jiġi rregolat fi ħdan il-qafas stipulat fl-Artikolu 2a ta’ dan ir-Regolament.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minkejja li wieħed jista’ jifhem l-intenzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, il-formulazzjoni tal-kliem tal-Artikolu hija sempliċistika wisq biex tippermetti l-ġeneralizzazzjoni tagħha u ntlaqgħet b’rifjut unanimu min-naħa tas-settur u l-RACs. Jeħtieġ li tiġi introdotta ċerta flessibilità sabiex, bla ma jintilfu l-elementi kollha maħsuba mil-leġiżlatur, l-implimentazzjoni tal-miżura tiġi adattata iktar mill-qrib għaċ-ċirkostanzi tas-sajd differenti u ma tikkawżax telf ekonomiku inaċċettabbli għall-flotta.*

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***għal sajd bi rkaptu rmunkat b’malji ta’ 80 mm jew akbar,*** man-naħa ta’ barra tal-manka titwaħħal borża ta’ rinforz. Id-daqs tal-malji tal-borża tar-rinforz għandu jkun mill-inqas id-doppju ta' dak tal-manka; | (a) man-naħa ta’ barra tal-manka titwaħħal borża ta’ rinforz. Id-daqs tal-malji tal-borża tar-rinforz għandu jkun mill-inqas id-doppju ta' dak tal-manka; |

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda bażi xjentifika biex l-użu tal-borża tar-rinforz jiġi limitat biss għal irkaptu rmunkat meta d-daqs tal-malji jkun ta' anqas minn 80mm.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-użu ta' boroż ta' rinforz man-naħa ta' barra tal-manka fuq bastimenti bil-liċenzja għal xbieki tat-tkarkir b'malji ta' 60 mm jew ikbar fiż-żoni VIII, IX u X tal-ICES;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bastimenti li għandhom liċenzja biex jużaw malji ta' 60 mm jew ikbar, regolarment jużaw dan l-apparat biex jipproteġu x-xbieki tagħhom.*

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) kwalunkwe rkaptu tat-tkarkir, b'malji ta' 80 mm jew akbar b'aktar minn 100 malja miftuħa u inqas minn 40 malja miftuħa fi kwalunkwe ċirkonferenza tal-manka, bl-esklużjoni tal-parti tat-twaħħil jew taċ-ċmusiet;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. B'deroga mill-paragrafi (2)(a), (3)(b), (3)(d) u (3)(e), id-daqs tal-malji ta' 80 mm*** | ***imħassar*** |

***għandu jiġi sostitwit b'60 mm għal sajd fiż-żoni ta' l-ICES VIII, IX u X.***

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-ħin ta' immersjoni għall-għeżula u l-pariti m'għandux jaqbeż ***it-48*** siegħa. | 2. Il-ħin ta' immersjoni għall-għeżula u l-pariti m'għandux jaqbeż ***l-24*** siegħa. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prattika standard fost il-flotot li jużaw l-għeżula u l-pariti, kif jammettu huma stess, hija li jitniżżlu mas-sebħ u jerfgħuhom lejn in-nofs ta' filgħodu, sabiex qatt ma jkunu mniżżla għal aktar minn 20 siegħa. Jekk il-ħin ta' immersjoni jirdoppja meta mqabbel mal-prattika standard, dan iwassal għal żieda ċara fl-isforzi tas-sajd u fir-rimi.*

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta s-sajd isir permezz ta' l-għeżula u l-pariti, l-użu ta' aktar minn ***50km*** ta' xbieki għandu jkun ipprojbit. | 3. Meta s-sajd isir permezz ta' l-għeżula u l-pariti, l-użu ta' aktar minn ***40 km*** ta' xbieki għandu jkun ipprojbit. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tnaqqis tat-tul tax-xbiek huwa suġġeriment tas-settur stess bħala kontribuzzjoni biex tiġi żgurata s-sostenibilità tar-riżorsi u l-attività tas-sajd.*

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 8, għandu jkun permess li jintużaw għeżula b'malji ta' 120 mm jew akbar u anqas minn 150 mm, | 1. B'deroga mill-Artikolu 8, għandu jkun permess li jintużaw għeżula b'malji ta' 120 mm jew akbar u anqas minn 150 mm, |

| | |
|---|---|
| fit-Tramuntana ta’ 48°N inkella b'malji ta' 100 mm jew aktar u inqas minn 130 mm fin-Nofsinhar ta’ 48°N, f'ilmijiet ta' inqas minn ***600 metru*** fond, bil-kundizzjoni li ma jkunux ta’ aktar minn 100 malja fond, ikollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0.5, u jkunu armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 5 mili nawtiċi fit-tul, u t-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż il-25 km għal kull bastiment. Il-ħin massimu ta’ immersjoni għandu jkun ta' 24 siegħa. | fit-Tramuntana ta’ 48°N inkella b'malji ta' 100 mm jew aktar u inqas minn 130 mm fin-Nofsinhar ta’ 48°N, f'ilmijiet ta' inqas minn ***400 metru*** fond, bil-kundizzjoni li ma jkunux ta’ aktar minn 100 malja fond, ikollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0.5, u jkunu armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 5 mili nawtiċi fit-tul, u t-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż il-25 km għal kull bastiment. Il-ħin massimu ta’ immersjoni għandu jkun ta' 24 siegħa***, sakemm il-kundizzjonijiet tat-temp ma jagħmluhiex impossibbli li jintrefa' x-xbiek***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-ewwel verżjoni bi żball kien hemm iddikjarat li l-għeżula m’għandhomx ikunu fondi iktar minn 400 malja. Dan ma kienx korrett. L-għeżula għandu jkollhom fond ta’ 100 malja.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B’deroga mill-Artikolu 8, għandu jkun permess li jintużaw għeżula b’malji ta’ 250 mm jew aktar, f’ilmijiet ta' anqas minn 600 metru fond muri fuq il-mappa, bil-kundizzjoni li ma jkunux aktar minn 15-il malja fond, ikollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0.33, u ma jkunux armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 10 km fit-tul. It-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż ***il-100 km*** għal kull bastiment. Il-ħin massimu ta’ immersjoni għandu jkun ta' 72 siegħa. | 2. B’deroga mill-Artikolu 8, għandu jkun permess li jintużaw għeżula b’malji ta’ 250 mm jew aktar, f’ilmijiet ta' anqas minn 600 metru fond muri fuq il-mappa, bil-kundizzjoni li ma jkunux aktar minn 15-il malja fond, ikollhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0.33, u ma jkunux armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 10 km fit-tul. It-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż ***is-60 km*** għal kull bastiment. Il-ħin massimu ta’ immersjoni għandu jkun ta' 72 siegħa. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tnaqqis tat-tul tax-xbiek huwa suġġeriment tas-settur stess bħala kontribuzzjoni biex tiġi żgurata s-sostenibilità tar-riżorsi u l-attività tas-sajd.*

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta ***l-kwantità*** ta' ħut żgħir wisq maqbud ***taqbeż*** l-10% ***tal-kwantità*** totali tal-qabdiet fi kwalunkwe refgħa, il-bastiment għandu jitbiegħed distanza ta' mill-inqas ħames mili nawtiċi minn kwalunkwe pożizzjoni tar-refgħa preċedenti qabel ikompli jistad. | 1. Meta ***l-piż*** ta' ħut żgħir wisq maqbud***, b'konformità mal-Anness I, jaqbeż*** l-10% ***tal-piż*** totali tal-qabdiet fi kwalunkwe refgħa***, u din is-sitwazzjoni sseħħ f'serje ta' tliet refgħat konsekuttivi***, il-bastiment għandu jitbiegħed distanza ta' mill-inqas ħames mili nawtiċi minn kwalunkwe pożizzjoni tar-refgħa preċedenti qabel ikompli jistad. |
| | ***B'deroga mis-subparagrafu preċedenti, għas-sajd lokali viċin l-art b'karatteristiċi partikulari minħabba kemm il-fond kif ukoll il-kompożizzjoni ta' qiegħ il-baħar u d-distanza mill-kosta, u suġġett għal rapport xjentifiku li jissostanzja dawk il-karatteristiċi, l-obbligu ta' tbegħid jista' jkun inqas minn ħames mili nawtiċi sakemm ikun garantit li l-attività tas-sajd ma titwettaqx fuq konċentrazzjoni ta' frieħ.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Un único lance de pesca no aporta información suficiente para determinar la presencia de una concentración de inmaduros en una zona determinada ya que también podría deberse a un encuentro ocasional y puntual sin continuidad en el espacio-tiempo. Asimismo, en el caso de constatarse la presencia de una concentración o zona de cría de inmaduros, es necesario adaptar las distancias de seguridad para aquellos caladeros muy cercanos a la costa en los que no es posible el distanciamiento propuesto. Además, debido a las especiales características de estos caladeros, las concentraciones de inmaduros están limitadas en zonas no muy extensas que se pueden evitar con desplazamientos más moderados.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jekk il-perċentwali minimi u/jew massimi ta' l-ispeċijiet fil-mira, minbarra l-ħut żgħir wisq ta' l-ispeċijiet fil-mira, li jistgħu jinqabdu bid-daqsijiet tal-malji permessi għal dik l-ispeċi u miżmuma abbord, fi kwalunkwe refgħa waħda ma jkunux qablu mal-perċentwali stipulati fir-regoli dettaljati adottati skond l-Artikolu 22, il-bastiment għandu jiċċaqlaq immedjatament għal minimu ta' 10 mili nawtiċi bogħod minn kwalunkwe pożizzjoni tar-refgħa ta' qabel u matul ir-refgħa li jmiss iżomm distanza minima ta' 10 mili nawtiċi minn kwalunkwe pożizzjoni tar-refgħa ta' qabel.*** | 2. ***Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddetermina ż-żoni u l-perjodi ħielsa mis-sajd korrispondenti fi ħdan il-qafas tal-Artikolu 2a ta' dan ir-Regolament.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Anke jekk l-introduzzjoni ta' żoni magħluqa f'ħin reali hija miżura li taf tkun utli f'żoni jew meded tas-sajd ferm speċifiċi, l-użu ġenerali ta' din il-miżura joħloq ħafna iktar problemi milli jsolvi. Għas-sajd li jinvolvi ħafna speċijiet ta' ħut, għall-bastimenti ż-żgħar jew il-flotot li jkunu qed jistadu barra mill-port tagħhom, il-miżura taf tkun kemm devastanti kif ukoll imprattikabbli. Iż-żoni u l-perjodi ħielsa mis-sajd jafu jkunu soluzzjoni iktar xierqa fejn għandhom jiġu imposti miżuri ġenerali għoljin.*

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħżin, il-ħatt l-art, il-bejgħ, il-wiri jew it-tqegħid fis-suq ta' organiżmi tal-baħar maqbuda bl-użu ta' metodi li jinkorporaw l-użu ta' splussivi, veleni, sustanzi ta' stordiment, kurrenti elettriċi jew l-isparar ta' kwalunkwe projettili għandu jkun projbit. | Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħżin, il-ħatt l-art, il-bejgħ, il-wiri jew it-tqegħid fis-suq ta' organiżmi tal-baħar maqbuda bl-użu ta' metodi li jinkorporaw l-użu ta' splussivi, veleni, sustanzi ta' stordiment, kurrenti elettriċi jew l-isparar ta' kwalunkwe projettili għandu jkun projbit, ***ħlief it-tkarkir bl-impuls elettriku***. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta l-konservazzjoni ta' ċerti speċijiet jew żoni tas-sajd tkun mhedda serjament, inkluż fejn tinsab konġestjoni kbira ta' frieħ tal-ħut, u fejn kwalunkwe dewmien jirriżulta fi ħsara li diffiċli li tissewwa, Stat Membru jista' jieħu miżuri xierqa ta' konservazzjoni mhux diskriminatorji f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li miżuri bħal dawn ma jiddiskriminawx kontra bastimenti tas-sajd minn Stati Membri oħra. | 1. Meta l-konservazzjoni ta' ċerti speċijiet jew żoni tas-sajd tkun mhedda serjament, inkluż fejn tinsab konġestjoni kbira ta' frieħ tal-ħut, u fejn kwalunkwe dewmien jirriżulta fi ħsara li diffiċli li tissewwa, Stat Membru jista' jieħu miżuri xierqa ta' konservazzjoni mhux diskriminatorji f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ibħra taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li miżuri bħal dawn ma jiddiskriminawx kontra bastimenti tas-sajd minn Stati Membri oħra. ***Qabel ma jiġu implimentati miżuri bħal dawn, għandhom jiġu kkonsultati il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali xierqa u l-Kummissjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha ssir konsultazzjoni mal-Kummissjoni biex tiġi evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni. (Konsultazzjoni mal-RACs xierqa hija meħtieġa biex jiġi involut is-settur.)*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta kwalunkwe dewmien fit-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tar-rimi lura tirriżulta fi ħsara li jkun diffiċli li tissewwa, Stat Membru ***jista' jieħu*** miżuri xierqa ta' konservazzjoni mhux diskriminatorji, fir-rigward ***ta' l-ilmijiet*** taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ***tiegħu skond l-Artikolu 16.*** | 2. Meta kwalunkwe dewmien fit-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tar-rimi lura tirriżulta fi ħsara li jkun diffiċli li tissewwa, ***il-Kummissjoni fuq inizjattiva proprja jew fuq talba sostanzjata ta'*** Stat Membru ***tista' tieħu*** miżuri xierqa ta' konservazzjoni mhux diskriminatorji, fir-rigward ***tal-ilmijiet*** taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ***tal-Istat Membru kkonċernat. Qabel ma jittieħdu miżuri bħal dawn, għandhom jiġu kkonsultati l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kummissjoni u l-Kunsilli Konsultattiv Reġjonali xieraq.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 diġà jipprevedi proċedura urġenti li tippermetti li l-Kummissjoni taġixxi f'sitwazzjoni ta' din it-tip. Il-formulazzjoni l-ġdida tal-kliem li hemm fil-proposta żżid inċetezzi legali biss, minħabba li ma tipprovdi l-ebda mekkaniżmu biex jiġi garantit li l-Istati Membri mhux se jużaw dawn il-miżuri b'mod diskriminatorju jew għal skopijiet politiċi minflok xjentifiċi, kif sfurtunatament diġà seħħ f'bosta okkazjonijiet fil-passat.*

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha ssir konsultazzjoni mal-Kummissjoni biex tiġi evitata d-distorsjoni fil-kompetizzjoni. (Konsultazzjoni mal-RACs xierqa hija meħtieġa biex jiġi involut is-settur.)*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 21a*** |
| | ***Regolamentazzjoni futura*** |
| | ***Ir-regoli li jmexxu r-regolamentazzjoni tal-elementi li ġejjin tal-miżuri tekniċi għandhom ikunu adottati permezz ta' regolament tal-Kunsill:*** |
| | ***(a) il-perċentwali minimi u massimi tal-ispeċijiet fil-mira fost ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin miżmuma abbord;*** |
| | ***(b) l-iskali ta' daqsijiet tal-malji għal kull speċi fil-mira;*** |
| | ***(c) dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tar-rimi lura u t-titjib tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd;*** |
| | ***(d) miżuri dwar ir-restrizzjoni tal-attivitajiet ta' sajd f'perjodi speċifiċi u/jew zoni speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2 fuq il-bażi tal-aqwa informazzjoni xjentifika disponibbli sabiex jiġu mħarsa l-ħabitats tal-baħar f'dawk iż-zoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-kwistjonijiet importanti għandhom jiġu indirizzati permezz ta' Regolament tal-Kunsill.*

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament*** skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament Nru 2371/2002. ***Dawn ir-regoli għandhom jispeċifikaw b'mod partikolari:*** | ***Miżuri tekniċi oħrajn biex jiġi implimentat dan ir-Regolament sabiex jiġu protetti l-ħabitats marittimi jew ir-riżorsi tas-sajd għandhom ikunu adottati*** skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament Nru 2371/2002. |
| ***(a) il-perċentwali minimi u massimi ta' l-ispeċijiet fil-mira fost ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin miżmuma abbord;*** | |
| ***(b) l-iskali ta' daqsijiet tal-malji għal kull speċi fil-mira;*** | |
| ***(c) dispożizzjonijiet għat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tar-rimi lura u t-titjib tas-selettività ta' l-irkaptu tas-sajd;*** | |
| ***(d) miżuri dwar ir-restrizzjoni ta' l-attivitajiet ta' sajd f'perjodi speċifiċi u/jew żoni speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2 fuq il-bażi ta' l-aqwa informazzjoni xjentifika disponibbli sabiex jiġu mħarsa l-ħabitats tal-baħar f'dawk iż-żoni;*** | |
| ***(e) miżuri tekniċi oħra għall-protezzjoni tal-ħabitats tal-baħar jew ir-riżorsi tas-sajd.*** | |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-*** |

***Regolament għandu jipprevedi perjodu għall-aġġustament tal-flotot u għall-adozzjoni ta' regoli supplementari.***

## NOTA SPJEGATTIVA

Din il-proposta hija maħsuba biex tissimplifika, b'pakkett komprensiv ta' miżuri tekniċi, il-qafas regolatorju kurrenti li jirrigwarda l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi billi tibdel ir-regolamenti li ġejjin, li ġew immodifikati tal-inqas għaxar darbiet. Il-prijorità hija li jiġi stabbilit sett ġdid ta' regoli li jkun iżjed ħafif u ċar.

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar [frieħ] ta' organiżmi tal-baħar[1];

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2549/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jistabbilixxi metodi tekniċi addizzjonali għall-irkuprar tal-istokk tal-bakkaljaw [merluzz] fil-Baħar Irlandiż (Diviżjoni VIIa tal-ICES)[2].

L-oriġini ta' dil-proposta huma l-konklużjonijiet tal-Kunsill li ġew adotti fil-21 ta' Ġunju 2004, fejn stieden il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta ġdida dwar miżuri tekniċi fl-Atlantiku, li tieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni taż-żgħar tal-organiżmi tal-baħar sabiex jippromwovi metodi ta' sajd aktar ekoloġiċi.

Dan il-pakkett ta' miżuri tekniċi huwa maħsub biex jinkiseb ħarsien tal-ħut żgħir u parti importanti ta' dawn il-miżuri hija ddisinjata biex jiġi limitat il-qbid tagħhom, pereżempju, b'miżuri li jtejbu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd jew li jistabbilixxu ċerti staġuni/zoni magħluqa. Miżuri oħra huma maħsuba għall-protezzjoni ta' ċerti speċijiet jew ekosistemi permezz tal-limitazzjoni tal-isforzi tas-sajd bl-adozzjoni tal-għeluq. Il-ħtieġa li jitnaqqas ir-rimi huwa rifless ukoll fl-adozzjoni ta' miżuri tekniċi xierqa.

L-approċċ ta' dan ir-Regolament huwa differenti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98. L-idea hi li issa jiġi adottat regolament ta' qafas ġdid li jikkonċentra fuq il-miżuri li jkunu mistennija li jsiru permanenti. Madankollu, għandu jistipula wkoll il-proċeduri li għandhom jiġu applikati fir-rigward ta' miżuri li wieħed jista' jistenna li x'aktarx jevolvu malajr kif ukoll miżuri li jkunu tekniċi ħafna. Ir-Regolament għandu jiffavorixxi l-applikazzjoni ta' proċedura għall-adozzjoni ta' regoli ġodda permezz tal-proċedura tal-komitoloġija.

Din is-sistema tipproponi pakkett leġiżlattiv ġdid, li mhux biss jissimplifika r-regoli kumplessi attwali iżda jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull 'żona RAC', li jirriflettu d-differenzi reġjonali. Proposta leġiżlattiva bħal din timplika approċċ iżjed reġjonalizzat sabiex tittejjeb l-effettività tagħhom. Se jiġi propost pakkett komprensiv u koerenti li jkollu l-bilanċ it-tajjeb bejn il-miżuri li huma ġeneralment applikabbli fl-oqsma kollha u dawk li huma speċifiċi għaz-zoni lokalizzati tal-RAC, jiġifieri Regolament ta' Qafas

[1] ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.
[2] ĠU L 292, 21.11.2000, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1456/2001 tas-16 ta' Lulju 2001.

mill-Kunsill, bi prinċipji u dispożizzjonijiet ġenerali, u r-Regolament komplementari tal-Kummissjoni b'regoli tekniċi speċifiċi għal kull 'żona ta' RAC'.

Il-proposta tapplika għas-sajd kummerċjali u rikreattiv fl-ilmijiet Ewropej kollha, minbarra l-Baħar Mediterran, il-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed u s-sajd għall-istokkijiet tal-ħut migratorji ħafna fl-ilmijiet kollha, li għalihom japplikaw regoli speċifiċi. Għandha tgħaqqad il-biċċa l-kbira tal-miżuri tekniċi eżistenti f'regolamenti varji tal-Komunità għall-Atlantiku u għall-Baħar tat-Tramuntana.

B'mod ġenerali, l-orjentazzjoni tal-proposta l-ġdida hija simili għal-leġiżlazzjoni tal-1998 f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri tekniċi. L-aspetti il-ġodda huma ż-żieda fin-numru ta' miżuri fir-rigward tal-irkaptu u l-'handling', bħat-tul, il-profondità tal-użu u l-ħin massimu tal-immersjoni tal-għeżula.

Il-proposta l-ġdida tqis ir-realtà ġdida stabbilita mir-riforma 2000 tal-Politika Komuni tas-Sajd u mill-kunsilli konsultattivi reġjonali bħala enti konsultattiva rilevanti bejn il-Kummissjoni u l-partijiet interessati.

<u>Osservazzjonijiet mir-rapporteur</u>

L-emendi proposti mir-rapporteur hma maħsuba biex qabelxejn jiċċaraw numru ta' punti ambigwi fil-proposta tal-Kummissjoni. Il-proposti jipprovaw ukoll jemendaw artikoli li għalihom hemm oġġezzjonijiet prattiċi u ċari b'mod li dawn l-oġġezzjonijiet jiġu ssuperati.

Il-proposti tal-Kummissjoni jirriferu għad-daqsijiet minimi għall-ħatt l-art tal-ispeċi elenkati fl-Anness 1 tar-regolament propost. Interpretazzjoni literali tista' tkun li għall-ispeċi elenkati f'dan l-Anness jistgħu jiġu infurzati biss id-daqsijiet minimi. Iżda din, bla dubju, ma tista' qatt tkun l-intenzjoni, u għalhekk r-rapporteur iqis li l-ispeċi li mhumiex elenkati fl-Anness 1 ukoll mgħandhomx jinħattu jekk ikunu taħt ċertu daqs minimu. Barra minn dan, għandhom jiġu inklużi wkoll l-ispeċi li d-daqsijiet minimi tagħhom ġew diġà deċiżi minn xi organizzazzjoni tal-produtturi.

Wieħed mill-objettivi tal-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni huwa t-tħaffif tar-regoli applikabbli. Filwaqt li żamm dan f'moħħu, ir-rapporteur ipprova jgħaqqad ir-regoli fejn għad hemm miżuri differenti li japplikaw għal oqsma differenti.

Fl-aħħar nett, ir-regolament il-ġdid li qiegħed jiġi propost mill-Kummissjoni fih ukoll artikoli li huma tabilħaqq inkompatibbli mal-prattika. S'issa, kważi x-xbieki kollha li qed jintużaw huma magħmulin minn spag bil-malji jew bl-għoqod. Ir-rapporteur iqis li għalhekk mhuwiex realistiku li wieħed jistenna li l-industrija tas-sajd, fil-każ ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 80 mm jew ikbar, tuża xbieki bil-forma ta' djamant jew li żżom il-fillieri kollha tal-malji l-istess daqs. Minħabba l-forzi tal-ġbid jew minħabba t-tiċrit tax-xbieki mat-tifrik ta' qiegħ il-baħar, ix-xbieki jista' ma jkollhomx il-forma eżatta ta' djamant. Fil-fehma tar-rapporteur, f'każi bħal dan ikun eċċessiv li wieħed jitlob li ma jkunx hemm xbieki li jkunu xi ftit differenti mill-forma preċiża ta' djamant. Fil-prattika dan jista' jwassal għal multi kbar minħabba xi ħaġa li prattikament m'għandha l-ebda effett fuq iċ-ċansijiet li l-ħut iż-żgħir jaħrab.

Ir-rapporteur iwissi li l-iżjed elementi importanti rigward il-miżuri tekniċi għandhom ikunu

adottati permezz ta' regolament tal-Kunsill, kif ġie propost fl-Emenda 18. B'dan il-mod, il-Kunsill u l-Parlament huma involuti b'mod xieraq fl-adozzjoni tar-regolamenti.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi |
| **Referenzi** | COM(2008)0324 – C6-0282/2008 – 2008/0112(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 18.7.2008 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH<br>2.9.2008 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>2.9.2008 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ENVI<br>25.6.2008 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Cornelis Visser<br>2.7.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 31.3.2009 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 15<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Elspeth Attwooll, Iles Braghetto, Paulo Casaca, Avril Doyle, Emanuel Jardim Fernandes, Carmen Fraga Estévez, Hélène Goudin, Heinz Kindermann, Rosa Miguélez Ramos, Philippe Morillon, Ulrike Rodust, Struan Stevenson, Catherine Stihler, Margie Sudre, Cornelis Visser |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Raül Romeva i Rueda |
| **Data tat-tressiq** | 2.4.2009 |